# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 62**

**Citazzjoni Nru: 453/95GV**

**Doc. 53-01**

**Joseph Agius u b'nota tal-21 ta' Marzu, 1997 Alfred Micallef assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Agius illi ma baqghax jesplika il-mansjonijiet tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici, u Paul Abela ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Medigrain Limited**

**vs**

**Peter Cassar Torreggiani u Christopher Cassar Torreggiani ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Cassar Company Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tnax-il elf, tlett mija u tlieta u sebghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm12,373.24,0) prezz ta' qamh lilha mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici.

Premess illi s-socjeta' konvenuta nonostante l-fatt li giet diversi drabi interpellata thallas, naqset.

L-atturi nomine talbu li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm12,373.24,0 fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 1995 u bl-imghax legali mit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Dicembru 1994 kontra l-konvenuti nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet u kontro-talba tal-konvenuti nomine a fol. 12 et seq fejn eccepew illi:

1. Il-kreditu pretiz mill-atturi nomine ma hux dovut ghax huwa pacut ma' somma akbar dovuta mill-atturi nomine lill-konvenuti nomine skond kontro-talba li qieghda ssir f'dawn l-istess atti;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-atturi nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuti nomine a fol. 18 fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti nomine ghandhom jigu michuda peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol. 43 tal-process;

Rat id-decizjonijiet preliminari a fol. 62, 78 u 122;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet

**TALBA**

L-attur noe talab li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' tnax il-elf, tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm12,373.24) prezz ta' qamh lilha mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet illi l-kreditu pretiz mill-attur nomine ma huwiex dovut ghax huwa pacut ma somma akbar dovuta mill-atturi nomine lill-konvenut nomine skond kontro-talba li saret f'dawn l-istess atti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONTRO-TALBA**

Ma l-istess nota tal-eccezzjonijiet is-socjeta' konvenuta fil-fatt pprezentat kontro talba fejn ppremettiet illi bi skrittura tas-7 ta' Ottubru, 1992, il-konvenuti nomine kienu xtraw minghand l-atturi nomine sitt t'elef tlett mija u tnejn u disghin tunnellata qamh bil-patt interalia illi:

*"Cassar company agreed to purchase from Medigrain up to 6,700 tonnes of US No.2 NS/DNS milling wheat at the price of US$140 per tonne C & F (original purchase price), plus all charges amounting to Lm6.18 per tonne totaling Lm50. 55 per tonne ex silo, excluding PSF."*

Premettiet ukoll illi l-konvenuti nomine effettivament hallsu skond dawn ic-cifri u illi sussegwentament il-konvenuti nomine saru jafu illi c-*charges* li taghhom kellhom ihallsu skond il-ftehim ma kienux ta' sitt liri u tmintax il-centezmu

(Lm6.18) kull tunnellata kif indikat fl-iskrittura izda ta' erba' liri u tmintax il-centezmu (Lm4.18) kull tunnellata kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni u illi ghalhekk il-konvenuti nomine hallsu zewg liri (Lm2.00) zejda kull tunnellata, b'kollox tnax il-elf seba' mija u erbgha u tmenin lira (Lm12,784) zejda u illi dan l-ammont li thallas indebitament ghandu jintradd lura.

Ghalhekk talbu lill Qorti:

1. Tiddikjara illi c-cifra ta' Lm6.18 murija bhala *charges* kull tunnellata fl-iskrittura tas-7 ta' Ottubru, 1992 hija zbaljata u li c-cifra tajba ghandha tkun ta' Lm4.18;

2. Tiddikjara ghalhekk illi l-konvenuti nomine hallsu indebitament lill-atturi is-somma ta Lm12,784;

3. Konsegwentament tikkundanna l-atturi nomine jroddu lura lill-atturi nomine s-somma ta' Lm12,784;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-atturi nomine li huma mharkin ghas-subizzjoni.

**ECCEZZJONIJIET GHAL KONTRO-TALBA**

Is-socjeta' attrici pprezentat l-eccezzjonijiet taghha ghall-kontro talba tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet tal-konvenuti nomine ghandhom jigu michuda peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**PROVI**

**L-attur** xehed li l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa dak *outstanding* li

l-kumpanija konvenuta xtrat minghand il-Medigrain. Dan kien bejgh ordinarju ta' qamh. Ma kien hemm ebda kuntratt jew ftehim specjali fuq dan il-bejgh. Il-konvenut qatt ma cahad li ghandu jaghtina l-ammont mitlub. Il-ftehim specjali kien ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba. (Dok JA fol 22 u 23). Il-konvenuti kienu accettaw il-prezz li kienu offrewlhom. Kienu giebu l-qamh apposta ghall-konvenuti biex ikunu jistghu jesportawh. Il-konvenuti qed isostnu li huma ccargjawhom aktar *storage* milli suppost. Fil-ftehim m'hemmx *provision* dwar *storage*. Ftehemu fuq Lm6.18 *per ton* u dan l-ammont kien jinkludi *storage*. L-ammont waslu ghalih fuq *costings* li kienu ghamlu. Kienu anke tawhom *breakdown* tac-*charges*. Perjodu ta' *storage* bilfors irid ikun hemm ghax il-qamh ma jidholx u johrog f'gurnata. Huma kienu nehhew l-element ta' profitt da parti taghhom biex jghinu lill-konvenuti izda c-*charges* l-ohra kellhom izommuhom. Il-*costings* ma jinghtawx fil-kummerc.

**Joe Schranz,** Financial Controller mal-Medigrain, xehed li l-ammont mitlub ghadu dovut. Kien sar ftehim a fol. 22 li bih il-konvenuti xtraw qamh biex jisportawh. L-*export order* kienet thallset kollha u l-ammont mitlub f'din ic-citazzjoni huwa ghal ordnijiet lokali li saru wara l-*export order* u huma datati Dicembru, 1994. Wara li hallas fuq l-*export order* il-konvenut talab *refund* ta' *storage* fuq l-*agreement* tal-*export*. Il-konvenuti mhux qed ihallsu l-ammont mitlub ghax qed jippretendu li huma ghandhom jaghtuhom ta' l-istorage taht l-*agreement*. Il-kumpanija ma tohrogx *costings*. Dawn huma haga interna.

**Peter Tortell,** General Manager tal-Medigrain, xehed li kien sar ftehim specjali mal-konvenuti fuq *export order*. L-*agreement* ezibit huwa riflessjoni tad-diskusjonijiet li kellhom qabel. Il-konvenuti ma kellhom ebda lment dwaru. Huma hallsu.

**Andrew Briffa**, Manager mas-socjeta' attrici, xehed li l-ammont mitlub huwa ghal fornituri lokali ta' qamh u mhux tal-*export order* li kienet thallset.

**Il-konvenut,** Managing Director tas-socjeta' konvenuta, xehed li kien ghamel il-kuntratt a fol. 22. Il-Medigrain kienu qalulhom il-prezz kemm kien ser ikun.

Spiteri Staines li kien maghhom fuq din l-ordni kien qallhom li c-*charges* kienu *inflated*, u hu kien qal hekk lis Sur Agius u dan kien qallu "*take it or leave it*". Minhabba l-impenn li kienu hadu hu ma kellux alternativa ohra hlief li jiffirma. Huma hallsu skond il-kuntratt b'hafna *extra charges*. Huma damu xaghrejn jinnegozjaw fuq dan il-kuntratt. Kien ra d-*draft agreement* xi 14 il-gurnata qabel iffirmah. Ghalkemm din ma kinitx it-triq li kienu jippreferu, raw li din kienet it-triq li l-awtorita' riedet u ddecidew li jaccettawha. Meta huma oggezzjonaw fuq ic-*charges* ir-risposta kienet "*take it or leave it*"

**VERBAL**

Illi b'verbal a fol. 43 il-konvenut iddikjara li l-ammont mitlub fic-citazzjoni mill-attur nomine huwa dovut u ghalhekk il-partijiet qablu li l-kawza timxi biss fuq il-kontro-talba.

**KONSIDERAZZJONIJET**

Mill-eccezzjonijiet u l-provi li gew ipprezentati quddiem din il-Qorti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta mhix qed tikkontesta illi hija fil-fatt irceviet minghand is-socjeta' attrici konsenja ta' qamh li l-valur taghha huwa ta Lm12,373.24 u li ghal din il-konsenja ta' qamh hija ma hallsitx. Li qed jigi kkontestat mis-socjeta' konvenuta f'din il-kawza huwa li tali ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'ghandux jithallas minnha stante tpacija.

Joe Schranz, Financial Controller mal-Medigrain, xehed li l-ammont mitlub ghadu dovut. Kien sar ftehim a fol. 22 li bih il-konvenuti xtraw qamh biex jesportawh. L-*export order* kienet thallset kollha u l-ammont mitlub f'din ic-citazzjoni huwa ghal ordnijiet lokali li saru wara l-*export order* u huma datati Dicembru, 1994 (fol. 4-7). Wara li hallsu l-*export order*, il-konvenuti talbu *refund* ta' *storage* fuq l-*agreement* tal-*export*. Il-konvenuti mhux qed ihallsu l-ammont mitlub ghax qed jippretendu li huma ghandhom jiehdu ta' l-istorage taht l-*agreement*.

Il-konvenut xehed li huma kienu ikkomplejnaw li c-*charges* kienu *inflated* u l-atturi kienu rrispondewhom "*take it or leave it*". Minhabba l-impenn li kien ha hu ma kellux alternativa hlief li jiffirma. Huma hallsu skond il-kuntratt b'hafna *extra charges*. Huma damu xaghrejn jinnegozjaw fuq dan il-kuntratt. Kien ra d-*draft agreement* xi erbatax (14) il-gurnata qabel iffirmah. Ghalkemm din ma kienitx it-triq li kienu jippreferu, raw li din kienet it-triq li l-awtorita' riedet u ddecidew li jaccettawha.

**Tikkunsidra**

Il-konvenuti qed jippretendu li sar hlas indebitu lill atturi (billi l-atturi zammewlhom tal-profitt meta kienu ntrabtu li ma jzommulhomx) u dik il-parti tal-prezz li tikkorrispondi ghall-profitt li ghamlu l-atturi ghandha tintradd lura lill-konvenuti billi ssir tpacija.

X'tipprovdi l-ligi maltija dwar t-tpacija.

Issir referenza ghall artikolu 1196 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

*"(1) meta tnejn min-nies huma debituri ta' xulxin, issir bejniethom tpacija.*

*(2) it-tpacija issir ipso jure u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu indaqs*.

L-artikolu 1197 jipprovdi wkoll illi

*"It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' ta' hwejjeg fungibbli tal-istess speci u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

Dawn il-klawsoli gew interpretati mill-gurisprudenza b'dan il-mod:

Fil-kawza **Alfonso Ellul vs Giuseppi Scicluna** (Vol XVIII P1 p.79) il-Qorti qalet li: "l-*eccezzione della compensazione giudiziale non e ammissibile quando il credito di chi la deduce sia di lunga liquidazione'*

Fil-kawza **Paul Abela vs Paul Laferla noe** (Vol XXXVII P.1 p.490) il-Qorti qalet ukoll illi: *"l-kompensazioni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta kreditu li ma kienux ammessi mill-parti l-ohra."*

Fil-kawza **Patrick Falzon Gough vs Albert Mizzi noe** (Qorti tal-Appell Inferjuri deciza 28.1.94) il-Qorti qalet illi: *'il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk il-kreditu allegatament kompensat ikun kontestat mill-allegat debitur u dan minhabba l-aspett li l-ligi tirrikjedi li l-istess kreditu jrid ikun likwidu jew facilemt likwidabbli u esigibbli.".*

Filwaqt li fil-kawza **Giuseppe Mifsud vs Carmel Aquilina (**Vol XXIX. iii. P.33) il-Qorti ddecidiet illi: *'meta l-kreditu dedott in kompensazzjoni ma jkunx ta soluzzjoni facili u pronta, il-Qorti ma ghandhiex taghti widen lill-eccezzjoni tal-k0mpensazzjoni".*

Illi fil-kaz in ezami l-atturi qed jichdu li huma ghandhom jaghtu xi haga lill-konvenuti ghalhekk il-kompensazjoni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha *ipso jure* ghar-rigward tal-kreditu li l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom billi mhux ammess mill-atturi. Il-kreditu pretiz mis-socjeta' konvenuta mhux likwidu jekk fil-fatt verament hu dovut.

F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li fid-dawl tal-ligi kif espressa fl-artikoli msemmija setghet issir kompensazzjoni arbitrarjament mis-socjeta' konvenuta billi tnaqqas dak li l-atturi qed jippretendu li hi m'ghandiex dritt tnaqqaslu.

Ghal kull buon fini, dwar il-kontro-talba tal-konvenuti ghandu jigi rilevat li l-konvenuti kienu accettaw il-ftehim a fol. 22 u ma jirrizultax li kien hemm xi pressjoni fuqhom biex jaccettaw il-ftehim bil-fors. Il-konvenuti accettaw il-prezz

li kienu tawhom l-atturi u fil-fatt hallsu. Kien wara li l-atturi talbuhom biex ihallsu il- kontijiet pendenti ghal xiri ta' qamh lokali li qajmu l-kwistjoni tal-*extra charges* li allegatament zammewlhom l-atturi.

Is-socjeta' konvenuta mhix gustifikata illi tippretendi li prezz mifiehem fuq skrittura jigi mibdul wara li l-istess ftehim jkun ffirmat u mhallas anke jekk fl-istess ftehim hemm indikati prezzijiet li skond hi gew kkalkulati hazin.

*Dato non concesso* li kien hemm prezzijiet indikati hazin certament hawn mhux qed nitkellmu fuq ammont li huwa 'ta' soluzzjoni facili u pronta' u l-kreditu li qed titlob huwa '*di lunga liquidazione*' apparti li kif diga' inghad hu kkontestat mis-socjeta' attrici

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez kontra l-konvenuti; u tichad il-kontro-talba tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**FRANKIE MERCIECA**
**Deputat Registratur**